

Brussell, 3 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12487/25  
ADD 2

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2025/0184 (NLE)**

---

**POLCOM 219**  
**SERVICES 52**  
**FDI 47**  
**COLAC 142**

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|-------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| data meta waslet: | 3 ta' Settembru 2025                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Nru dok. Cion:    | COM(2025) 339 annex                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| Suġġett:          | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill<br>dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 339 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 339 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025  
COM(2025) 339 final

ANNEX 2

## ANNESS

*tal-*

### **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ  
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-  
Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-  
Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra**

SKEDA TAL-ELIMINAZZJONI TAT-TARIFFI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Dan l-Anness jispeċifika l-obbligi ta' kull Parti fir-rigward tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali f'konformità mal-Artikolu 2.4.
2. Kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali skont l-Artikolu 2.4, il-paragrafu 1 f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi stabbilita fi:
  - (a) għall-Unjoni Ewropea, l-Appendiċi 2-A-1; u
  - (b) għall-MERCOSUR, l-Appendiċi 2-A-2.

3. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 2-A-1 huma ġeneralment espressi f'termini tan-Nomenklatura Magħquda 2013 ("NM 2013")<sup>1</sup>, li hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2-A-1, inkluż il-kopertura tal-prodott tas-subintestaturi ta' dik l-Iskeda, għandha tkun irregolata min-Noti Ġenerali, in-Noti tat-Taqsima, u n-Noti tal-Kapitolu tan-NM 2013. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2-A-1 huma identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NM 2013, id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira bħad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NM 2013. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2.4(6), ir-referenzi kollha għal "Ara r-rimarki" fil-kolonna "Rata bażi" tal-Appendiċi 2-A-1 għandhom jinftiehem bħala referenza għall-Kolonna 3 tal-Parti 2 ("Rata konvenzjonali ta' dazju") tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.
4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 2-A-2 huma ġeneralment espressi f'termini tan-Nomenklatura Komuni tal-Mercosur 2012 ("NCM 2012")<sup>2</sup>, li hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Merkanzija. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2-A-2, inkluż il-kopertura tal-prodott tas-subintestaturi ta' dik l-Iskeda, għandha tkun irregolata min-Noti Ġenerali, in-Noti tat-Taqsima u n-Noti tal-Kapitolu tan-NCM 2012. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2-A-2 huma identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NCM 2012, id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira bħad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NCM 2012.

---

<sup>1</sup> In-NM 2013 hija stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

<sup>2</sup> Stabbilita fir-RES GMC Nru 05/2011 tas-17 ta' Ġunju 2011 u l-modifiki.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "sena 0" tfisser il-perjodu ta' żmien li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja. "Sena 1" tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha l-Ftehim jidħol fis-seħħ u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena kalendarja, b'kull tnaqqis sussegwenti jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti.
6. Għall-merkanzija oriġinarja mill-Parti l-oħra, il-kategoriji tal-eliminazzjoni gradwali li ġejjin japplikaw għall-eliminazzjoni jew għat-tnaqqis tad-dazji doganali minn kull Parti skont l-Artikolu 2.4, il-paragrafu 1:
- (a) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "0" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom jiġu eliminati minnufih, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
  - (b) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "4" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom jiġu eliminati f'5 (ħames) stadji annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-"sena 4";
  - (c) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "7" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom jiġu eliminati fi 8 (tmien) stadji annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-sena 7;
  - (d) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "8" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom jiġu eliminati f'9 (disa') stadji annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-sena 8;

- (e) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “10” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom jiġu eliminati fi 11-il (ħdax) stadju annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 10;
- (f) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “SW/12” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom jiġu eliminati minnufih, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim jekk il-valur doganali jkun ugwali għal USD 8 (tmien) FOB/litru jew ogħla; jekk il-valur doganali jkun anqas minn USD 8 (tmien) FOB/litru, tali merkanzija għandha tibqa’ bir-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Iskeda ta’ kull Parti għal 12-il (tnax) sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, u minn hemm ’il quddiem għandha tiġi eliminata kompletament u tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 12;
- (g) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “15” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom jiġu eliminati f’ 16-il (sittax) stadju annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 15;

(h) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “15V” fl-Appendiċi 2-A-2 (\*) għandhom jibqgħu bir-rata bażi sal-aħħar tas-sena 6, soġġetti għall-Artikolu 2.4, il-paragrafi 7 u 8, ta’ dan il-Ftehim; mill-1 ta’ Jannar tas-sena 7, id-dazji għandhom jiġu eliminati fi stadji annwali f’konformità mat-tabella bit-titlu Kronogramma tal-eliminazzjoni tat-tariffi, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 15; barra minn hekk, id-dazji doganali fuq tali merkanzija għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta’ 50 % (ħamsin fil-mija) tar-rata bażi mad-dħul fis-seħħ u sal-aħħar tas-sena 8 fi ħdan kwota annwali ta’ 50 000 (ħamsin elf) unità; il-kwota annwali għandha tiġi allokata fost il-membri tal-MERCOSUR skont id-distribuzzjoni li ġejja fuq bażi ta’ min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel:

(i) l-Arġentina: 15 500 (ħmistax-il u elf ħames mitt) unità;

(ii) il-Brażil: 32 000 (tnejn u tletin elf) unità;

(iii) il-Paragwaj: 750 (seba’ mija u ħamsin) unità; u

(iv) l-Urugwaj: 1 750 (elf seba’ mija u ħamsin) unità.

(\*) Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fl-entrati tariffarji li ġejjin: 8701.91.00, 8701.92.00, 8701.93.00, 8701.94.90, 8701.95.90, 8703.21.00, 8703.22.10, 8703.23.10, 8703.24.10, 8703.24.90, 8703.33.10, 8703.33.90, 8704.21.90, u 8704.31.90 (NCM 2022).

## Kronogramma tal-eliminazzjoni tat-tariffi

| Kategorija | Sena 0 | Sena 1 | Sena 2 | Sena 3 | Sena 4 | Sena 5 | Sena 6 | Sena 7 | Sena 8 | Sena 9 | Sena 10 | Sena 11 | Sena 12 | Sena 13 | Sena 14 | Sena 15 |
|------------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|---------|---------|---------|---------|---------|---------|
| 0          | 100 %  |        |        |        |        |        |        |        |        |        |         |         |         |         |         |         |
| 4          | 20 %   | 40 %   | 60 %   | 80 %   | 100 %  |        |        |        |        |        |         |         |         |         |         |         |
| 7          | 12,5 % | 25 %   | 37,5 % | 50 %   | 62,5 % | 75 %   | 87,5 % | 100 %  |        |        |         |         |         |         |         |         |
| 8          | 11,1 % | 22,2 % | 33,3 % | 44,4 % | 55,6 % | 66,7 % | 77,8 % | 88,9 % | 100 %  |        |         |         |         |         |         |         |
| 10         | 9,1 %  | 18,2 % | 27,3 % | 36,4 % | 45,5 % | 54,6 % | 63,6 % | 72,7 % | 81,8 % | 90,9 % | 100 %   |         |         |         |         |         |
| 15         | 6,3 %  | 12,5 % | 18,8 % | 25 %   | 31,3 % | 37,5 % | 43,8 % | 50 %   | 56,3 % | 62,5 % | 68,8 %  | 75,0 %  | 81,3 %  | 87,5 %  | 93,8 %  | 100 %   |
| 15V        | 0 %    | 0 %    | 0 %    | 0 %    | 0 %    | 0 %    | 0 %    | 19 %   | 38,1 % | 57,1 % | 64,3 %  | 71,4 %  | 78,6 %  | 85,7 %  | 92,9 %  | 100 %   |

- (i) id-dazji doganali fuq vetturi elettriċi u ibridi originarij, ikklassifikati taħt il-kodiċijiet 8703.40, 8703.50, 8703.60, 8703.70 u 8703.80 tas-SA 2022 ħlief għall-vetturi b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu – għal aktar ċertezza, dawn il-kodiċijiet jikkorrispondu għall-kodiċijiet 8703 90 00, ex 8703 21, ex 8703 22, ex 8703 23, ex 8703 24, ex 8703 31, ex 8703 32 u ex 8703 33 tan-NCM 2012 – għandhom ikunu soġġetti għat-trattament li ġej:
- (i) għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' 28,6 % (tmienja u għoxrin punt sitta fil-mija) tar-rata bażi mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u sal-aħħar tas-sena 5 (ħamsa), u b'hekk stabbilita għal 25 % (ħamsa u għoxrin fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Arġentina jew fil-Brażil, 16,4 % (sittax punt erbgħa fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Urugwaj, u 14,3 % (erbatax punt tlieta fil-mija) għall-merkanzija importata fil-Paragwaj;



- (ii) mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 6 (sitta), id-dazji li jkun għad fadal għandhom jiġu eliminati f'konformità mat-tabella ta' hawn taħt u tali vetturi għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 18 (tmintax).

| Sena | L-Arġentina,<br>il-Brażil | Il-Paragwaj | L-Urugwaj | Tnaqqis |
|------|---------------------------|-------------|-----------|---------|
| 0    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 1    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 2    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 3    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 4    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 5    | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 6    | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 7    | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 8    | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 9    | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 10   | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 11   | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 12   | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 13   | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 14   | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 15   | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 16   | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 17   | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 18   | —                         | —           | —         | 100,0 % |

- (j) Id-dazji doganali fuq vetturi oriġinarji b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu, ikklassifikati taħt is-sottosett tal-kodiċi 8703.80 tas-SA 2022 li jikkorrispondi għal vetturi li jaħdmu b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu, għandhom ikunu soġġetti għat-trattament li ġej:

Dazji doganali fuq vetturi oriġinarji b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu, ikklassifikati taħt ex 8703.80:

- (i) għandhom jibqgħu bir-rata bażi sal-aħħar tas-sena 6 (sitta);
- (ii) mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 7 (sebgħa) u sal-aħħar tas-sena 12 (tnax), għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' 28,6 % (tmienja u għoxrin punt sitta fil-mija) tar-rata bażi u b'hekk stabbilita għal 25 % (ħamsa u għoxrin fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Arġentina jew fil-Brażil, 16,4 % (sittax punt erbgħa fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Urugwaj, u 14,3 % (erbatax punt tlieta fil-mija) għall-merkanzija importata fil-Paragwaj;

- (iii) mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 13 (tleltax), id-dazji li jkun għad fadal għandhom jiġu eliminati f'konformità mat-tabella ta' hawn taħt u tali vetturi għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 25 (ħamsa u għoxrin).

| Sena   | L-Arġentina,<br>il-Brażil | Il-Paragwaj | L-Urugwaj | Tnaqqis |
|--------|---------------------------|-------------|-----------|---------|
| 0 – 6  | 35                        | 20          | 23        | –       |
| 7 – 12 | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 13     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 14     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 15     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 16     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 17     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 18     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 19     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 20     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 21     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 22     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 23     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 24     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 25     | –                         | –           | –         | 100,0 % |

- (k) Dazji doganali fuq vetturi oriġinarji kklassifikati taħt il-kodiċi 8703.90 tas-subintestatura SA 2022:

- (i) għandhom jibqgħu bir-rata bażi sal-aħħar tas-sena 6 (sitta);

- (ii) mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 7 (sebgħa) u sal-aħħar tas-sena 17 (sbatax), għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' 28,6 % (tmienja u għoxrin punt sitta fil-mija) tar-rata bażi, u b'hekk stabbilita għal 25 % (ħamsa u għoxrin fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Arġentina jew fil-Brażil, 16,4 % (sittax punt erbgħa fil-mija) għall-merkanzija importata fl-Urugwaj, u 14,3 % (erbatax punt tlieta fil-mija) għall-merkanzija importata fil-Paragwaj;
- (iii) mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 18 (tmintax), id-dazji li jkun għad fadal għandhom jiġu eliminati f'konformità mat-tabella ta' hawn taħt, u tali vetturi għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 (l-ewwel) ta' Jannar tas-sena 30 (tletin).

| Sena   | L-Arġentina,<br>il-Brażil | Il-Paragwaj | L-Urugwaj | Tnaqqis |
|--------|---------------------------|-------------|-----------|---------|
| 0 – 6  | 35,0                      | 20,0        | 23,0      | –       |
| 7 – 17 | 25,0                      | 14,3        | 16,4      | 28,6 %  |
| 18     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 19     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 20     | 20,0                      | 11,4        | 13,1      | 42,9 %  |
| 21     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 22     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 23     | 15,0                      | 8,6         | 9,9       | 57,1 %  |
| 24     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 25     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 26     | 10,0                      | 5,7         | 6,6       | 71,4 %  |
| 27     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 28     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 29     | 5,0                       | 2,9         | 3,3       | 85,7 %  |
| 30     | –                         | –           | –         | 100,0 % |

- (l) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja mmarkata bin-notazzjoni “CH1” stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 għandhom ikunu soġġetti għar-rati tat-tariffi sal-kwota li ġejjin fil-kwantitajiet aggregati stabbiliti hawn taħt, mingħajr l-ebda allokazżjoni tal-pajjiż għall-kwoti tas-subintestaturi 1806.20 u 1806.90 tan-NCM 2012 li għandhom jiġu amministrati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel:

| Snin                        | Subintestatura 1806.20 |                            |                        |
|-----------------------------|------------------------|----------------------------|------------------------|
|                             | Dazju sal-kwota        | Kwota (tunnellata metrika) | Dazju barra mill-kwota |
| Sena 0                      | 16,2 %                 | 1 710                      | 18 %                   |
| Sena 1                      | 14,4 %                 | 2 091                      | 18 %                   |
| Sena 2                      | 12,6 %                 | 2 472                      | 18 %                   |
| Sena 3                      | 10,8 %                 | 2 853                      | 18 %                   |
| Sena 4                      | 9,0 %                  | 3 234                      | 18 %                   |
| Sena 5                      | 7,2 %                  | 3 615                      | 18 %                   |
| Sena 6                      | 5,4 %                  | 3 996                      | 18 %                   |
| Sena 7                      | 3,6 %                  | 4 377                      | 18 %                   |
| Sena 8                      | 1,8 %                  | 4 760                      | 18 %                   |
| Sena 9 u s-snin sussegwenti | 0 %                    | l-ebda kwota               | 0 %                    |

| Subintestatura 1806.90      |                     |                               |                            |
|-----------------------------|---------------------|-------------------------------|----------------------------|
| Snin                        | Dazju sal-<br>kwota | Kwota<br>(tunnellata metrika) | Dazju barra<br>mill-kwota* |
| Sena 0                      | 18,0 %              | 6 320                         | 20 %                       |
| Sena 1                      | 16,0 %              | 7 735                         | 20 %                       |
| Sena 2                      | 14,0 %              | 9 150                         | 20 %                       |
| Sena 3                      | 12,0 %              | 10 565                        | 20 %                       |
| Sena 4                      | 10,0 %              | 11 980                        | 20 %                       |
| Sena 5                      | 8,0 %               | 13 395                        | 20 %                       |
| Sena 6                      | 6,0 %               | 14 810                        | 20 %                       |
| Sena 7                      | 4,0 %               | 16 225                        | 20 %                       |
| Sena 8                      | 2,0 %               | 17 640                        | 20 %                       |
| Sena 9 u s-snin sussegwenti | 0 %                 | l-ebda kwota                  | 0 %                        |

\* Id-dazju barra mill-kwota tal-Paragwaj għandu jkun ta' 2 %, kif stabbilit fl-Appendiċi 2-A-2, sal-aħħar tas-sena 8.

- (m) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja mmarkata bin-notazzjoni “CH2” stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 għandhom ikunu soġġetti għar-rati tat-tariffi sal-kwota li ġejjin fil-kwantitajiet aggregati stabbiliti hawn taħt, mingħajr allokazżjoni tal-pajjiż għall-kwoti tan-NCM 1704.90.10 u s-subintestaturi 1806.10, 1806.31 u 1806.32, li se jiġu amministrati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel:

| NCM 1704.90.10               |                 |                            |                        |
|------------------------------|-----------------|----------------------------|------------------------|
| Snin                         | Dazju sal-kwota | Kwota (tunnellata metrika) | Dazju barra mill-kwota |
| Sena 0                       | 18,7 %          | 771                        | 20 %                   |
| Sena 1                       | 17,3 %          | 868                        | 20 %                   |
| Sena 2                       | 16,0 %          | 965                        | 20 %                   |
| Sena 3                       | 14,7 %          | 1 062                      | 20 %                   |
| Sena 4                       | 13,3 %          | 1 159                      | 20 %                   |
| Sena 5                       | 12,0 %          | 1 256                      | 20 %                   |
| Sena 6                       | 10,7 %          | 1 353                      | 20 %                   |
| Sena 7                       | 9,3 %           | 1 450                      | 20 %                   |
| Sena 8                       | 8,0 %           | 1 547                      | 20 %                   |
| Sena 9                       | 6,7 %           | 1 644                      | 20 %                   |
| Sena 10                      | 5,3 %           | 1 741                      | 20 %                   |
| Sena 11                      | 4,0 %           | 1 838                      | 20 %                   |
| Sena 12                      | 2,7 %           | 1 935                      | 20 %                   |
| Sena 13                      | 1,3 %           | 2 030                      | 20 %                   |
| Sena 14 u s-snin sussegwenti | 0 %             | l-ebda kwota               | 0 %                    |

| Subintestatura 1806.10       |                     |                                  |                           |
|------------------------------|---------------------|----------------------------------|---------------------------|
| Snin                         | Dazju sal-<br>kwota | Kwota<br>(tunnellata<br>metrika) | Dazju barra<br>mill-kwota |
| Sena 0                       | 16,8 %              | 90                               | 18 %                      |
| Sena 1                       | 15,6 %              | 94                               | 18 %                      |
| Sena 2                       | 14,4 %              | 98                               | 18 %                      |
| Sena 3                       | 13,2 %              | 102                              | 18 %                      |
| Sena 4                       | 12,0 %              | 106                              | 18 %                      |
| Sena 5                       | 10,8 %              | 110                              | 18 %                      |
| Sena 6                       | 9,6 %               | 114                              | 18 %                      |
| Sena 7                       | 8,4 %               | 118                              | 18 %                      |
| Sena 8                       | 7,2 %               | 122                              | 18 %                      |
| Sena 9                       | 6,0 %               | 126                              | 18 %                      |
| Sena 10                      | 4,8 %               | 130                              | 18 %                      |
| Sena 11                      | 3,6 %               | 134                              | 18 %                      |
| Sena 12                      | 2,4 %               | 138                              | 18 %                      |
| Sena 13                      | 1,2 %               | 150                              | 18 %                      |
| Sena 14 u s-snin sussegwenti | 0 %                 | l-ebda kwota                     | 0 %                       |



| Subintestatura 1806.31       |                     |                                  |                           |
|------------------------------|---------------------|----------------------------------|---------------------------|
| Snin                         | Dazju sal-<br>kwota | Kwota<br>(tunnellata<br>metrika) | Dazju barra<br>mill-kwota |
| Sena 0                       | 18,7 %              | 1 890                            | 20 %                      |
| Sena 1                       | 17,3 %              | 2 082                            | 20 %                      |
| Sena 2                       | 16,0 %              | 2 274                            | 20 %                      |
| Sena 3                       | 14,7 %              | 2 466                            | 20 %                      |
| Sena 4                       | 13,3 %              | 2 658                            | 20 %                      |
| Sena 5                       | 12,0 %              | 2 850                            | 20 %                      |
| Sena 6                       | 10,7 %              | 3 042                            | 20 %                      |
| Sena 7                       | 9,3 %               | 3 234                            | 20 %                      |
| Sena 8                       | 8,0 %               | 3 426                            | 20 %                      |
| Sena 9                       | 6,7 %               | 3 618                            | 20 %                      |
| Sena 10                      | 5,3 %               | 3 810                            | 20 %                      |
| Sena 11                      | 4,0 %               | 4 002                            | 20 %                      |
| Sena 12                      | 2,7 %               | 4 194                            | 20 %                      |
| Sena 13                      | 1,3 %               | 4 380                            | 20 %                      |
| Sena 14 u s-snin sussegwenti | 0 %                 | l-ebda kwota                     | 0 %                       |

| Subintestatura 1806.32       |                     |                                  |                           |
|------------------------------|---------------------|----------------------------------|---------------------------|
| Snin                         | Dazju sal-<br>kwota | Kwota<br>(tunnellata<br>metrika) | Dazju barra<br>mill-kwota |
| Sena 0                       | 18,7 %              | 1 800                            | 20 %                      |
| Sena 1                       | 17,3 %              | 2 062                            | 20 %                      |
| Sena 2                       | 16,0 %              | 2 324                            | 20 %                      |
| Sena 3                       | 14,7 %              | 2 586                            | 20 %                      |
| Sena 4                       | 13,3 %              | 2 848                            | 20 %                      |
| Sena 5                       | 12,0 %              | 3 110                            | 20 %                      |
| Sena 6                       | 10,7 %              | 3 372                            | 20 %                      |
| Sena 7                       | 9,3 %               | 3 634                            | 20 %                      |
| Sena 8                       | 8,0 %               | 3 896                            | 20 %                      |
| Sena 9                       | 6,7 %               | 4 158                            | 20 %                      |
| Sena 10                      | 5,3 %               | 4 420                            | 20 %                      |
| Sena 11                      | 4,0 %               | 4 682                            | 20 %                      |
| Sena 12                      | 2,7 %               | 4 944                            | 20 %                      |
| Sena 13                      | 1,3 %               | 5 200                            | 20 %                      |
| Sena 14 u s-snin sussegwenti | 0 %                 | l-ebda kwota                     | 0 %                       |

- (n) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja mmarkata bin-notazzjoni “T1” stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 għandhom ikunu soġġetti għar-rati tat-tariffi sal-kwota li ġejjin fil-kwantitajiet aggregati stabbiliti hawn taħt:

| Snin                        | Subintestatura 2002.10 |                            |                        |
|-----------------------------|------------------------|----------------------------|------------------------|
|                             | Dazju sal-kwota        | Kwota (tunnellata metrika) | Dazju barra mill-kwota |
| Sena 0                      | 12,6 %                 | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 1                      | 11,2 %                 | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 2                      | 9,8 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 3                      | 8,4 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 4                      | 7,0 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 5                      | 5,6 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 6                      | 4,2 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 7                      | 2,8 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 8                      | 1,4 %                  | 7 500                      | 14 %                   |
| Sena 9 u s-snin sussegwenti | 0 %                    | l-ebda kwota               | 0 %                    |

- (o) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “4-EG” fl-Appendiċi 2-A-1 għandhom jiġu eliminati f’5 (ħames) stadji annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju mill-1 (l-ewwel) ta’ Jannar tas-sena 4 (erbgħa). Il-merkanzija oriġinarja kklassifikata taħt il-linji tariffarji 04072100 u 04079010 li tibbenefika mill-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “4-EG” għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat tal-konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE jew ma’ kwalunkwe standard uffiċjali ekwivalenti dwar il-benesseri tal-annimali. Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu ma jinvolvix rekwiżiti għas-sistema kollha tal-produzzjoni tal-bajd tal-MERCOSUR. L-ekwivalenza għall-kundizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill għandha tiġi verifikata permezz ta’ ċertifikazzjoni uffiċjali jew permezz ta’ ċertifikazzjoni ta’ parti terza;

- (p) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “FP30 %” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom jitnaqqsu bi 30 % (tletin fil-mija) mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim;
- (q) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “FP50 %” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom jitnaqqsu b’50 % (ħamsin fil-mija) mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim;
- (r) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “50 %” fl-Appendiċi 2-A-1 għandhom jitnaqqsu b’50 % (ħamsin fil-mija) f’5 (ħames) stadji annwali ugwali, u tali prodotti għandhom ikunu 50 % (ħamsin fil-mija) tar-rata bażi fl-1 ta’ Jannar tas-sena 4;
- (s) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “0/EP” fl-Appendiċi 2-A-1 għandu jiġi eliminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim; l-eliminazzjoni tat-tariffi għandha tapplika għad-dazju *ad valorem* biss; id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja skattat f’sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa’ taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm;
- (t) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “7/EP” fl-Appendiċi 2-A-1 għandu jiġi eliminat fi 8 (tmien) stadji annwali ugwali mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim; l-eliminazzjoni tat-tariffi għandha tapplika għad-dazju *ad valorem* biss; id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja skattat f’sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa’ taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm;

- (u) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “10/EP” fl-Appendiċi 2-A-1 għandu jiġi eliminat fi 1 l-il (ħdax) stadju annwali ugwali mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim; l-eliminazzjoni tat-tariffi għandha tapplika għad-dazju *ad valorem* biss; id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja skattat f’*sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa’ taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm*;
- (v) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “E” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti huma esklużi mill-preferenzi tariffarji u għandhom jibqgħu bir-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Iskeda ta’ dik il-Parti;
- (w) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “BA” fl-Appendiċi 2-A-1 għandhom ikunu EUR 75 (ħamsa u sebgħin)/tunnellata metrika mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim;
- (x) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali “ $0 + 10 \text{ EA/OS} \geq 70 \%$ ” fl-Appendiċi 2-A-1 għandu jiġi eliminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim; il-komponent speċifiku tad-dazju (komponent agrikolu) għal prodotti li fihom anqas minn 70 % (sebgħin fil-mija) ta’ zokkor għandu jiġi eliminat fi 1 l-il (ħdax) stadju annwali ugwali mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 10; il-kwota tariffarja (minn hawn ’il quddiem “TRQ”, (tariff-rate quota)) tal-OS tapplika għal prodotti b’kontenut ta’ zokkor ta’ 70 % (sebgħin fil-mija) jew aktar tal-piż nett; u

(y) id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija “10 / OS  $\geq$  70 %” fl-Appendiċi 2-A-1 li fiha anqas minn 70 % (sebgħin fil-mija) taz-zokkor għandhom jiġu eliminati fi 1 l-il (ħdax) stadju annwali ugwali, u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta’ Jannar tas-sena 10; it-TRQ tal-OS tapplika għal prodotti li fihom kontenut ta’ zokkor ta’ 70 % (sebgħin fil-mija) jew aktar tal-piż nett.

7. Għall-finijiet tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali f’konformità mal-paragrafu 4 ta’ dan l-Anness, ir-rati tad-dazju fi stadji interim għandhom jiġu ttondjati ’l isfel għal mill-inqas l-eqreb deċimu (10) ta’ punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f’unitajiet monetarji, mill-inqas sal-eqreb 0,01 (zero punt zero wieħed) tal-unità monetarja uffiċjali tal-Parti.
8. Id-dazji doganali fuq merkanzija oriġinarja kklassifikata taħt il-linji tariffarji indikati bħala TRQ (TRQ-XY) fil-kolonna “Kategorija tal-Eliminazzjoni Gradwali” fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta’ Parti għandhom ikunu rregolati mit-termini tat-TRQ għal dik l-entrata tariffarja speċifika, kif stabbilit fit-Taqsimiet B u C ta’ dan l-Anness, li jibdw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. It-Taqsima B ta’ dan l-Anness tistabbilixxi t-TRQ li l-Unjoni Ewropea għandha tapplika mad-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim għal ċerta merkanzija oriġinarja tal-MERCOSUR. It-Taqsima C ta’ dan l-Anness tistabbilixxi t-TRQ li l-MERCOSUR għandu japplika mad-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim ta’ ċerta merkanzija oriġinarja tal-Unjoni Ewropea.
9. Għall-finijiet tal-kwoti stabbiliti fit-Taqsimiet B u C ta’ dan l-Anness u fil-paragrafi 6(h), (l), (m) u (n) ta’ din it-Taqsima, jekk id-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim jikkorrispondi għal data wara l-1 ta’ Jannar u qabel il-31 ta’ Diċembru tal-istess sena kalendarja, il-kwantità sal-kwota għandha tkun pro rata fuq bażi proporzjonali għall-bqija ta’ dik is-sena kalendarja. Wara, il-Parti għandha tagħmel disponibbli l-kwantità tal-kwota annwali kollha stabbilita f’konformità ma’ dan l-Anness għall-applikanti tal-kwota li tibda fl-ewwel jum ta’ kull sena tat-TRQ.

10. Għall-finijiet tat-Taqsimiet B u C ta' dan l-Anness, it-terminu "tunnellati metriċi" huwa mqassar bħala "TM".
11. Il-prodott jew il-prodotti koperti minn kull TRQ stabbilita fit-Taqsima B ta' dan l-Anness huma identifikati b'mod informali fit-titolu tal-paragrafu li jistabbilixxi t-TRQ. Dawn it-titoli huma inklużi biss biex jgħinu lill-qarrejja jifhmu dan l-Anness u ma għandhomx ibiddu jew jieħdu post il-kopertura stabbilita permezz tal-identifikazzjoni ta' entrati tariffarji koperti fin-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-UE u fit-Tariffa Doganali Komuni (TARIC).
12. Il-prodott jew il-prodotti koperti minn kull TRQ stabbilita fit-Taqsima C ta' dan l-Anness huma identifikati b'mod informali fit-titolu tal-paragrafu li jistabbilixxi t-TRQ. Dawn it-titoli huma inklużi biss biex jgħinu lill-qarrejja jifhmu dan l-Anness u ma għandhomx ibiddu jew jieħdu post il-kopertura stabbilita permezz tal-identifikazzjoni ta' entrati tariffarji koperti fin-NCM 2012.

## TAQSIMA B

### KWOTI TARIFFARJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### 1. Kwota tariffarja għaċ-ċanga friska

- (a) Il-merkanzija oriġinarja mmarkata bin-notazzjoni “TRQ-BF1” fl-Appendiċi 2-A-1 u elenkata fil-punt (d) għandha tkun soġġetta għal rata tat-tariffa sal-kwota ta' 7,5 % fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin:

| Sena                      | Kwantità annwali aggregata<br>(TM – ekwivalenti tal-piż tal-karkassa) |
|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------|
| 0                         | 9 075                                                                 |
| 1                         | 18 150                                                                |
| 2                         | 27 225                                                                |
| 3                         | 36 300                                                                |
| 4                         | 45 375                                                                |
| 5 u kull sena sussegwenti | 54 450                                                                |

- (b) Il-merkanzija oriġinarja li tiddaħħal f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tkun soġġetta għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1.
- (c) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati skont din it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Taqsima E ta' dan l-Anness għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti tal-piż tal-karkassa.
- (d) Dan il-paragrafu japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fl-entrati tariffarji li ġejjin: 0201 10 00, 0201 20 20, 0201 20 30, 0201 20 50, 0201 20 90, 0201 30 00 u 0206 10 95.



2. Laħam frisk, imkessaħ u ffriżat ta' kwalità għolja ta' annimali tal-ifrat

Il-merkanzija oriġinarja li hija esportata mill-Arġentina, mill-Brażil, mill-Paragwaj u mill-Urugwaj, u li hija importata fl-Unjoni Ewropea taħt l-4 (erba') kwoti tariffarji eżistenti tad-WTO tal-Unjoni Ewropea għal-laħam frisk, imkessaħ u ffriżat ta' kwalità għolja ta' annimali tal-ifrat koperti mill-intestaturi tariffarji NM ex 0201 u ex 0202 u għall-prodotti koperti mill-linji tariffarji NM ex 0206 10 95 u ex 0206 29 91, kif stabbilit fl-Artikolu 42 u fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019<sup>1</sup> bin-numri tal-ordni tal-kwota 09.4450, 09.4452, 09.4453 u 09.4455, għandha tkun mingħajr dazju fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Kwota tariffarja għaċ-ċanga ffriżata, inkluż għall-ipproċessar

- (a) Il-merkanzija oriġinarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-BF2" fl-Appendiċi 2-A-1 u elenkata fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu għandha tkun soġġetta għal rata tat-tariffa sal-kwota ta' 7,5 % (seba' punt ħamsa fil-mija) fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin:

| Sena                      | Kwantità annwali aggregata<br>(TM – ekwivalenti tal-piż tal-karkassa) |
|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------|
| 0                         | 7 425                                                                 |
| 1                         | 14 850                                                                |
| 2                         | 22 275                                                                |
| 3                         | 29 700                                                                |
| 4                         | 37 125                                                                |
| 5 u kull sena sussegwenti | 44 550                                                                |

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 170, 22.6.2013, p. 32.

| 45.01.10.00 | -Sufra naturali, mhux maħduma jew sempliċi ppreparata // Sufra naturali, mhux maħduma jew sempliċi ppreparata; fdal ta' sufra; sufra misħuqa, imrammla jew mitħuna                                                                                                                                                                                                             | 10            | 10              | S          |
| 45.01.90.00 | -Oħrajn // Sufra naturali, mhux maħduma jew sempliċi ppreparata; fdal ta' sufra; sufra misħuqa, imrammla jew mitħuna                                                                                                                                                                                                                                                           | 10            | 10              | S          |
| 45.02.00.00 | Bejn wieħed u ieħor kwadra // Sufra naturali, maqluġha mis-siġra jew maqtuġha bejn wieħed u ieħor kwadra, jew fi blokki rettangolari (inklużi kwadri), pjanċi, folji jew strixxa (inklużi mhux maħdumin bix-xfar jaqtgħu għas-sufri jew tappijiet).                                                                                                                            | 5             | 5               | S          |

| NCM 2012    | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                 | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|-------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 45.02.00.00 | Fi strixxi, // rinfurzati b'karta jew tessut jew le // Sufra naturali, maqlugħa mis-siġra jew maqtugħa bejn wieħed u ieħor kwadra, jew fi blokki rettangolari (inklużi kwadri), pjanċi, folji jew strixxa (inklużi mhux maħdumin bix-xfar jaqtgħu għas-sufri jew tappijiet). | 5             | 5               | S          |
| 45.02.00.00 | Oħrajn // Sufra naturali, maqlugħa mis-siġra jew maqtugħa bejn wieħed u ieħor kwadra, jew fi blokki rettangolari (inklużi kwadri), pjanċi, folji jew strixxa (inklużi mhux maħdumin bix-xfar jaqtgħu għas-sufri jew tappijiet).                                              | 5             | 5               | S          |
| 47.07.10.00 | -Karta b'saħħitha kannella (kraft paper) jew kartun jew karta jew kartun immewġin mhux ibbliċjati // (Skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat.                                                                                                                           | 20            | 20              | S          |
| 47.07.20.00 | -Karta jew kartun ieħor magħmulin prinċipalment minn polpa kimika ibbliċjata, fil-biċċa l-kbira mhux miżbugħin // (Skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat.                                                                                                              | 20            | 20              | S          |
| 47.07.30.00 | -Karta jew kartun magħmulin prinċipalment minn polpa mekkanika (pereżempju, gazzetti, ġurnali u materjal ieħor stampat) // (Skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat.                                                                                                     | 20            | 20              | S          |
| 47.07.90.00 | -Oħrajn, inklużi skart u fdal mhux magħżulin // (Skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat.                                                                                                                                                                                | 20            | 20              | S          |
| 72.04.10.00 | -Skart u fdal ta' haċid fondut // Skart u fdal ta' haċid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' haċid jew azzar                                                                                                                                                                   | 5             | 5               | S          |
| 72.04.21.00 | Austenitics (serje AISI 300 u standards ekwivalenti) // --Ta' stainless steel // -Skart u fdal ta' azzar liga: // Skart u fdal ta' haċid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' haċid jew azzar                                                                                   | 5             | 5               | S          |

| NCM 2012    | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                   | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|-------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 72.04.21.00 | Oħrajn // --Ta' stainless steel // -Skart u fdal ta' azzar liga: // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                                   | 5             | 5               | S          |
| 72.04.29.00 | Ta' azzar għal veloċità għolja // --Oħrajn // -Skart u fdal ta' azzar liga: // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                        | 5             | 5               | S          |
| 72.04.29.00 | Oħrajn // Oħrajn // --Oħrajn // -Skart u fdal ta' azzar liga: // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                                      | 5             | 5               | S          |
| 72.04.30.00 | -Skart u fdal ta' ħadid jew azzar bil-landa // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                                                        | 5             | 5               | S          |
| 72.04.41.00 | --Rbaba tat-torn, qxur, frak, skart tal-qtugħ, serratura, trab tal-illimar, skart tal-prensa u tifrik, f'qatet jew le // -Skart u fdal oħrajn: // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                     | 5             | 5               | S          |
| 72.04.49.00 | --Oħrajn // -Skart u fdal oħrajn: // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                                                                  | 5             | 5               | S          |
| 72.04.50.00 | -Tidwib mill-ġdid ta' ingotti // Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' ingotti ta' ħadid jew azzar                                                                                                                                                                      | 5             | 5               | S          |
| 97.01.10.00 | Oħrajn // Oriġinali // -Pitturi, tpinġijiet u pastelli // Pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmulin kompletament bl-idejn, ħlief tpinġijiet tal-intestatura 49.06 u ħlief oġġetti manifatturati impittrin bl-idejn jew dekorati bl-idejn; collage u plakek dekorattivi simili. | 5             | 5               | S          |

| NCM 2012    | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|-------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 97.01.10.00 | Oħrajn // -Pitturi, tpinġijiet u pastelli // Pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmulin kompletament bl-idejn, ħlief tpinġijiet tal-intestatura 49.06 u ħlief oġġetti manifatturati impittrin bl-idejn jew dekorati bl-idejn; collage u plakek dekorattivi simili.           | 5             | 5               | S          |
| 97.01.90.00 | Oħrajn // Oriġinali // -Oħrajn // Pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmulin kompletament bl-idejn, ħlief tpinġijiet tal-intestatura 49.06 u ħlief oġġetti manifatturati impittrin bl-idejn jew dekorati bl-idejn; collage u plakek dekorattivi simili.                      | 5             | 5               | S          |
| 97.01.90.00 | Oħrajn // -Oħrajn // Pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmulin kompletament bl-idejn, ħlief tpinġijiet tal-intestatura 49.06 u ħlief oġġetti manifatturati impittrin bl-idejn jew dekorati bl-idejn; collage u plakek dekorattivi simili.                                   | 5             | 5               | S          |
| 97.02.00.00 | Oħrajn // Inċiżjonijiet, stampi u litografi oriġinali.                                                                                                                                                                                                                      | 5             | 5               | S          |
| 97.03.00.00 | Oħrajn // Skulturi u statwarji oriġinali, ta' kull materjal.                                                                                                                                                                                                                | 5             | 5               | S          |
| 97.04.00.00 | Bolol postali u tat-taxxa, timbri tal-posta, bolol tal-ewwel jum tal-ħruġ, kartolerija postali (karti bil-bolol), u bħalhom, użati jew mhux użati, ħlief dawka ta' titlu 49.07.                                                                                             | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Trofej tal-kaċċa // Kollezjonijiet taż-żooloġija u biċċiet tal-kollezzjoni (R.2012/93 ex-ANA) // Kollezjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żoologiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku. | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Oħrajn // Kollezjonijiet taż-żooloġija u biċċiet tal-kollezzjoni (R.2012/93 ex-ANA) // Kollezjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żoologiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.           | 5             | 5               | S          |

| NCM 2012    | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|-------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 97.05.00.00 | Kotba, brochures u materjal stampat simili, f'folji waħdiet sfużi jew le (R.634/93 ex-ANA) // Oġġetti ta' kollezzjoni ta' interess storiku, etnografiku jew numismatiku // Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku. | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Oħrajn // Oġġetti ta' kollezzjoni ta' interess storiku, etnografiku jew numismatiku // Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.                                                                                     | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Oġġetti ta' kollezzjoni ta' interess arkeoloġiku // Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.                                                                                                                        | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Oġġetti ta' kollezzjoni ta' interess paleontoloġiku // Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.                                                                                                                     | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Kollezzjonijiet botaniċi u biċċiet tal-kollezzjoni // Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.                                                                                                                      | 5             | 5               | S          |

| NCM 2012    | Deskrizzjoni                                                                                                                                                                                        | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|-------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 97.05.00.00 | Bandoneon dijatoniku // Kollezżjonijiet u biċċiet tal-kollezżjoni ta' interess żoologiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku. | 5             | 5               | S          |
| 97.05.00.00 | Kollezżjonijiet u biċċiet tal-kollezżjoni ta' interess żoologiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.                         | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Kotba, brochures u materjal stampat simili, f'folji waħdiet sfużi jew le (R.634/93 ex-ANA) // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                 | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Bandoneon dijatoniku // Strumenti mużikali // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                 | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Oħrajn // Strumenti mużikali // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                               | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Tal-injam // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                                        | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Assemblaġġi u muntaġġi artistiċi oriġinali (il-Liġi 24633 u d-Digriet Regolatorju Nru 1321) // Taċ-ċeramika // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                      | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Oħrajn // Taċ-ċeramika // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                           | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Assemblaġġi u muntaġġi artistiċi oriġinali (il-Liġi 24633 u d-Digriet Regolatorju Nru 1321) // Ta' materjali tessili // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                             | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Oħrajn // Ta' materjali tessili // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                  | 5             | 5               | S          |
| 97.06.00.00 | Oħrajn // Oħrajn // Antikitajiet ta' 'l fuq minn 100 sena                                                                                                                                           | 5             | 5               | S          |

## SUBTAQSIMA 2

### SKEDA TAD-DAZJU FUQ L-ESPORTAZZJONI TAL-URUGWAJ

| NCM 2012 | Deskrizzjoni                                               | Rata bażi (%) | Rata finali (%) | Kategorija |
|----------|------------------------------------------------------------|---------------|-----------------|------------|
| 41.01    | Ġlud, mhux ibbliċjati, immellħin, imnaddfin u ikħal-niedi. | 5             | 0               | Y5         |
| 41.04.11 |                                                            | 5             | 0               | Y5         |
| 41.04.19 |                                                            | 5             | 0               | Y5         |

## TAQSIMA D

### DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-BRAŻIL

1. Fil-każ tal-Brażil, il-projbizzjoni fuq l-introduzzjoni jew iż-żamma ta' dazji fuq l-esportazzjoni, kif stipulata fl-Artikolu 2.9 ta' dan il-Ftehim, ma għandhiex tapplika għall-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fil-paragrafu 2 ta' din it-Taqsima dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima.
2. Il-possibbiltà tan-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 2.9 ta' dan il-Ftehim tapplika għall-prodotti kklassifikati fil-Kapitoli 25 sa 28 u l-Intestaturi 71.10, 72.02, 81.09 u 81.12 tas-Sistema Armonizzata (2022).
3. Jekk il-Brażil jadotta dazji fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fil-paragrafu 2 ta' din it-Taqsima, l-esportazzjonijiet ta' tali prodotti destinati għall-Unjoni Ewropea għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis fid-dazju applikat ta' mhux anqas minn 50 % (ħamsin fil-mija). Fi kwalunkwe każ, id-dazju preferenzjali fuq l-esportazzjoni ma għandux jaqbeż il-25 %.



4. Jekk il-Brażil japplika dazji fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fil-paragrafu 2 ta' din it-Taqsima lil pajjiżi terzi fuq termini aktar favorevoli minn dawk deskritti fil-paragrafi 2 u 3 ta' din it-Taqsima, il-Brażil għandu jinnotifika lill-Unjoni Ewropea u jagħmel l-aħjar sforzi tiegħu biex, wara negozjati, jestendihom lill-Unjoni Ewropea.
5. Il-Kunsill tal-Kummerċ jista' jirrieżamina din it-Taqsima, inkluż il-lista tal-prodotti, fuq talba tal-Brażil jew tal-Unjoni Ewropea.

**MONOPOLJI FUQ L-IMPORTAZZJONI JEW FUQ L-ESPORTAZZJONI**

1. L-Urugwaj iżomm il-monopolju ddeżinjat li ġej fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni:  
Administración Nacional de Combustibles, Alcohol y Portland (ANCAP).
  2. Il-Brażil jirriżerva d-dritt li jżomm jew jiddeżinja monopolji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni fis-setturi li ġejjin:
    - (a) żejt minerali, gass u idrokarboni oħra; u
    - (b) minerali nukleari.
-

**KUMMERĊ FI PRODOTTI TAL-INBID U SPIRTI**

**TAQSIMA A**

**ARTIKOLU 1**

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness japplika għall-prodotti tal-inbid li jaqgħu taħt l-intestaturi 2204 u 2205 u għall-ispirti li jaqgħu taħt l-intestatura 2208 tas-SA prodotti fil-Partijiet.

**ARTIKOLU 2**

**Definizzjonijiet tal-prodotti tal-inbid u prattiki enoloġiċi**

1. Kull Parti għandha tagħmel l-almu tagħha biex tadotta definizzjonijiet u prattiki enoloġiċi għall-prodotti tal-inbid rakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid, (minn hawn' il quddiem "OIV", (International Organisation of Vine and Wine)).

2. Kull Parti għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-bejgħ għall-konsum ta' prodotti tal-inbid prodotti fil-Parti l-oħra, dment li dawn ikunu saru f'konformità ma':

- (a) id-definizzjonijiet tal-prodotti stabbiliti f'kull Parti li huma f'konformità mal-istandard rilevanti tal-OIV;
- (b) il-prattiki enoloġiċi stabbiliti f'kull Parti li huma f'konformità mal-istandard rilevanti tal-OIV; u
- (c) id-definizzjonijiet u l-prattiki enoloġiċi stabbiliti f'kull Parti li mhumiex f'konformità mal-istandard rilevanti tal-OIV, kif elenkati fl-Appendiċi 2-D-1.

3. Jekk Parti tipproponi li tawtorizza definizzjoni jew Prattika enoloġika ġdida jew li timmodifika dawk eżistenti elenkati fl-Appendiċi 2-D-1 kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (c), hija għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bil-miktub. In-notifika għandha tinkludi dossier tekniku bi spjegazzjoni sħiħa tar-raġunament wara d-definizzjoni jew il-prattika enoloġika ġodda jew modifikati. Il-parti l-oħra tista' toġġezzjona bil-miktub fi żmien 90 (disgħin) jum wara d-data tal-wasla tan-notifika. Jekk il-Parti l-oħra ma toġġezzjonax, l-emenda tal-Appendiċi 2-D-1 għandha titqies li tkun ġiet miftiehma mill-Partijiet.

4. Jekk il-Parti l-oħra toġġezzjona fi żmien 90 (disgħin) jum wara d-data tal-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 3, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bl-għan li jsibu soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku fi żmien 60 (sittin) jum wara d-data tal-wasla tal-oġġezzjoni. Il-perjodu ta' 60 (sittin) jum jista' jiġi estiż bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet.

5. Jekk il-Partijiet jilhqqu ftehim matul il-konsultazzjonijiet, japplikaw il-paragrafi 6 u 7. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jilhqqu tali ftehim matul il-konsultazzjonijiet, l-Appendiċi 2-D-1 ma għandux jiġi emendat.

6. Il-Kunsill tal-Kummerċ jista' jemenda l-Appendiċi 2-D-1 biex iżid definizzjonijiet jew prattiki enoloġiċi ġodda jew modifiki ta' definizzjonijiet jew prattiki enoloġiċi eżistenti miftiehma skont il-paragrafi 3 jew 4.

7. F'każijiet fejn ikun hemm ftehim skont il-paragrafi 3 jew 4, Parti għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-bejgħ għall-konsum ta' nbejjed prodotti fil-Parti l-oħra wara d-data tal-applikazzjoni tad-definizzjoni jew tal-prattika enoloġika fit-territorju tal-Parti li tadotta tali miżura, anke jekk deċiżjoni mill-Kunsill tal-Kummerċ, skont il-paragrafu 6, ma tkunx ġiet adottata jew ma tkunx daħlet fis-seħħ f'dak il-mument.

## TAQSIMA B

### ARTIKOLU 3

#### Tikkettar ta' prodotti tal-inbid u spirti

1. Parti ma għandhiex titlob li kwalunkwe waħda mid-dati li ġejjin jew l-ekwivalenti tagħhom tintwera fuq il-kontenitur, it-tikketta jew l-imballaġġ tal-prodotti tal-inbid jew l-ispiriti:

- (a) id-data tal-imballaġġ;
- (b) id-data tal-ibbottiljar; jew
- (c) id-data tal-produzzjoni jew tal-manifattura.

2. Parti tista' titlob li tintwera data ta' durabbiltà minima fuq il-kontenitur, it-tikketta jew l-imballaġġ tal-prodotti tal-inbid jew l-ispiriti li jiġu prodotti fil-Parti l-oħra li jista' jkollhom data ta' durabbiltà minima iqsar minn dik li normalment tkun mistennija mill-konsumaturi minħabba ż-żieda ta' ingredjenti li jitħassru malajr.
3. Parti ma għandhiex titlob li t-traduzzjonijiet tat-trademarks, tal-ismijiet tad-ditti jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu jidhru fuq il-kontenituri, it-tikketti jew l-imballaġġ ta' prodotti tal-inbid jew spirti prodotti fil-Parti l-oħra.
4. Kull Parti għandha tippermetti li l-informazzjoni obbligatorja, inklużi t-traduzzjonijiet, tintwera fuq tikketta supplimentari mwaħħla ma' tikketta, pakkett jew kontenitur tal-prodotti tal-inbid jew spirti prodotti fil-Parti l-oħra. Tali tikketti supplimentari jistgħu jitwaħħlu wara l-importazzjoni u qabel ma l-prodott jiġi offrut għall-bejgħ fit-territorju tal-Parti, diment li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikketta oriġinali tkun riflessa b'mod sħiħ u preċiż.
5. L-użu ta' kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-lott għandu jkun permess fuq il-kontenitur, it-tikketta jew l-imballaġġ u, jekk jintużaw tali kodiċijiet, dawn ma għandhomx jitħassru.
6. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' tikkettar għall-prodotti tal-inbid jew spirti li ġew ikkummerċjalizzati fit-territorju tal-Parti l-oħra qabel id-data li fiha daħlet fis-seħħ il-miżura, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat.
7. L-użu ta' tpinġijiet, figuri jew illustrazzjonijiet għandu jkun permess fuq il-kontenitur, it-tikketti jew l-imballaġġ ta' prodotti tal-inbid jew spirti prodotti fil-Parti l-oħra. Tali tpinġijiet, figuri jew illustrazzjonijiet ma għandhomx jissostitwixxu l-informazzjoni obbligatorja dwar it-tikkettar u ma għandhomx iqarrqu bil-konsumaturi dwar il-karatteristiċi u l-kompożizzjoni tal-prodotti tal-inbid u spirti.

8. L-isem ta' varjetà tad-dwieli jista' jiġi inkluż fuq it-tikketti fuq il-prodotti tal-inbid importati u kkummerċjalizzati fit-territorju ta' Parti jekk tali prodotti tal-inbid jiġu prodotti bl-użu ta' dik il-varjetà u tali varjetà tissemma f'mill-anqas lista waħda tal-organizzazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-OIV;

(b) l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti; jew

(c) il-Bord Internazzjonali għar-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti.

L-isem ta' varjetà tad-dwieli ta' Parti li jkun fiha jew li tikkonsisti minn denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta tal-Parti l-oħra ma għandux jintuża fit-tikkettar tal-inbid esportat lejn il-Parti l-oħra. Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilita fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness 13-B, fil-paragrafu 3 tal-Appendiċi 13-B-1 il-Partijiet jiddefinixxu l-ismijiet tal-varjetajiet ta' pjanti, u li l-użu tagħhom ma għandux jiġi prevenut. Parti ma tistax tipprevjeni l-użu ta' varjetajiet tad-dwieli msemmija fil-paragrafu 4 tal-Appendiċi 13-B-1.

9. Il-prodotti tal-inbid u spirti ma għandhomx ikunu soġġetti għat-tikkettar tal-allerġeni fir-rigward tal-allerġeni li jkunu ntużaw fil-manifattura u fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-inbid u spirti u li ma jkunux preżenti fil-prodott finali<sup>1</sup>.

10. Għall-kummerċ fil-prodotti tal-inbid bejn il-Partijiet, l-inbid effervexxenti jista' jiġi deskritt jew ippreżentat b'indikazzjoni tat-tip ta' prodott speċifikat fil-Kodiċi Internazzjonali tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.

---

<sup>1</sup> Dan ma japplikax għat-tikkettar tal-glutina.

11. L-ismijiet li ġejjin tal-prodotti tal-inbid u spirti huma protetti, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967:

- (a) l-isem ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-prodotti tal-inbid u spirti li joriġinaw fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat; u
- (b) l-isem ta' Stat Firmatarju tal-MERCOSUR.

#### ARTIKOLU 4

##### Użu ta' termini speċifiċi fil-prodotti tal-inbid

1. L-Unjoni Ewropea għandha tippermetti l-użu tat-termini tal-inbid elenkati fil-Parti 1 tal-Appendiċi 2-D-2 dwar il-prodotti tal-inbid minn kull Stat Firmatarju tal-MERCOSUR ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-definizzjoni ta' dawn it-termini tal-inbid fil-liġijiet u r-regolamenti ta' dak l-Istat Firmatarju tal-MERCOSUR.
2. Il-MERCOSUR għandu jippermetti l-użu tat-termini tal-inbid elenkati fil-Parti 2 tal-Appendiċi 2-D-2 dwar il-prodotti tal-inbid ikkummerċjalizzati fil-MERCOSUR mill-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-definizzjoni ta' dawn it-termini tal-inbid fil-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea.



3. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar applikazzjoni biex jiġu inklużi termini addizzjonali tal-inbid fl-Appendiċi 2-D-2. In-notifika għandha tinkludi dossier tekniku bid-definizzjoni tat-termeni tal-inbid u referenza għal-liġijiet jew ir-regolamenti applikabbli tal-Parti notifikanti. Fi żmien 6 (sitt) xhur wara d-data tal-wasla tan-notifika, il-Parti l-oħra għandha tinnotifika r-riżultat tal-eżami ta' tali applikazzjoni. Jekk, abbażi tar-riżultati tal-eżami, l-inklużjoni tat-terminu addizzjonali tal-inbid tiġi aċċettata, il-Kunsill tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi b'kunsens li jinkludih fl-Appendiċi 2-D-2.

## ARTIKOLU 5

### Ċertifikazzjoni tal-prodotti tal-inbid u spirti

1. Għall-prodotti tal-inbid importati minn Parti u mqiegħda fis-suq tal-Parti l-oħra, id-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa minn kwalunkwe Parti għandhom ikunu limitati għad-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati fl-Appendiċi 2-D-3.
2. Kull Parti għandha tawtorizza l-importazzjoni tal-ispirti fit-territorju tagħha f'konformità mar-regoli li jirregolaw id-dokument ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni u r-rapporti ta' analiżi kif previst fil-liġi tagħha.
3. Parti tista' tintroduċi rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni addizzjonali temporanji għall-prodotti tal-inbid u spirti importati mill-Parti l-oħra b'reazzjoni għat-tħassib leġittimu ta' ordni pubblika, bħas-saħħa jew il-protezzjoni tal-konsumatur jew sabiex taġixxi kontra l-frodi. F'każijiet bħal dawn, il-Parti l-oħra għandha tingħata informazzjoni adegwata fi żmien biżżejjed biex tippermetti t-twettiq tar-rekwiżiti addizzjonali. Tali rekwiżiti ma għandhomx jestendu lil hinn mill-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jirrispondu għat-tħassib partikolari dwar l-ordni pubblika li jkunu ġew introdotti b'reazzjoni għalih.
4. Il-Kunsill tal-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Appendiċi 2-D-3 fir-rigward tad-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU 6

### Regoli applikabbli u trattament nazzjonali

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6, l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-inbid u spirti għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti tal-importazzjoni.
2. Il-prodotti tal-inbid importati mit-territorju ta' Parti għandhom jingħataw trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti lill-prodotti tal-inbid simili ta' oriġini nazzjonali.

## TAQSIMA C

## ARTIKOLU 7

### Miżuri tranżizzjonali

Il-prodotti tal-inbid u spirti li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikunu ġew prodotti, deskritti u ppreżentati f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti u l-ftehimiet eżistenti applikabbli bejn il-Partijiet, iżda li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet f'dan l-Anness, jistgħu jiġu kkummerċjalizzati skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) minn bejjieġha bl-ingrossa jew produttori, għal perjodu ta' 3 (tliet) snin; u
- (b) minn bejjieġha bl-imnut, sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

DEFINIZZJONIJIET U PRATTIĊI ENOLOĠIĊI AĊĊETTATI MILL-PARTIJIET

1. Naqal frisk

In-naqal frisk jista' jintuża skont il-kundizzjonijiet speċifiċi u limitati stabbiliti fl-entrata fil-linja 11.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV.

2. Most tal-għeneb ikkonċentrat, il-most tal-għeneb ikkonċentrat rettifikat u s-sukrożju

Il-most tal-għeneb ikkonċentrat, il-most tal-għeneb ikkonċentrat rettifikat u s-sukrożju jistgħu jintużaw għat-tisħiħ u l-ħlewwa skont kundizzjonijiet speċifiċi u limitati (l-Anness VIII, il-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taż-żoni tal-vitikultura fejn tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet awtorizzati applikabbli għall-produzzjoni u għall-konservazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, il-perċentwal minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u d-disponiment tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, u l-Artikolu 22 tad-Digriet Federali tal-Brażil Nru. 8.198/2014), soġġett għall-esklużjoni tal-użu ta' dawn il-prodotti f'forma rikostitwita fi prodotti tal-inbid.

### 3. Restrizzjoni taż-żieda tal-ilma

Iż-żieda tal-ilma fil-produzzjoni tal-inbid hija eskluża, minbarra meta jkun meħtieġ biex jinħallu l-komposti enoloġiċi awtorizzati użati fil-produzzjoni tal-inbid.

TERMINI TAL-INBID

TAQSIMA A

L-UNJONI EWROPEA

TAQSIMA B

IL-MERCOSUR

L-ARGENTINA:

Crianza<sup>1</sup>, Dulce Natural<sup>2</sup>, Fino<sup>3</sup>, Gran Reserva<sup>4</sup>, Reserva<sup>5</sup>, Vino Dulce Natural<sup>6</sup>, Vino Generoso<sup>7</sup>.

- 
- <sup>1</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>2</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>3</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>4</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika u li ġew imqaddma f'bittija qabel l-ibbottiljar għal mill-anqas 18-il (tmintax) xahar għall-inbejjed ħomor u 12-il (tnax) xahar għall-inbejjed bojod u rożè.
- <sup>5</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika u li ġew imqaddma f'bittija qabel l-ibbottiljar għal mill-anqas 12-il (tnax) xahar għall-inbejjed ħomor u 6 (sitt) xhur għall-inbejjed bojod u rożè.
- <sup>6</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>7</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.

Denominación de origen controlada (DOC), Indicación geográfica (IG), Indicación de Procedencia (IP)

IL-BRAZIL:

Fino<sup>1</sup>, Gran Reserva<sup>2</sup>, Leve<sup>3</sup>, Reserva<sup>4</sup>.

Denominação de origem (DO), Indicação geográfica (IG), Indicação de Procedência (IP)

- 
- <sup>1</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>2</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika u li ġew imqaddma f' bittija qabel l-ibbottiljar għal mill-anqas 18-il (tmintax) xahar għall-inbejjed ħomor u 12-il (tnax) xahar għall-inbejjed bojod u rożè.
- <sup>3</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>4</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika u li ġew imqaddma f' bittija qabel l-ibbottiljar għal mill-anqas 12 (tnax-il) xahar għall-inbejjed ħomor u 6 (sitt) xhur għall-inbejjed bojod u rożè.

L-URUGWAJ:

Fino<sup>1</sup>, Leve<sup>2</sup>, Reserva<sup>3</sup>, Viejo<sup>4</sup>, Vino Generoso<sup>5</sup>.

Denominación de origen (DO), Denominación de origen controlada (DOC), Indicación geográfica (IG), Indicación de Procedencia (IP)

- 
- <sup>1</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>2</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>3</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika u li ġew imqaddma f' bittija qabel l-ibbottiljar għal mill-anqas 12-il (tnax) xahar għall-inbejjed ħomor u 6 (sitt) xhur għall-inbejjed bojod u rożè.
- <sup>4</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.
- <sup>5</sup> L-użu tat-terminu huwa permess għall-prodotti tal-inbid li huma koperti minn indikazzjoni ġeografika.

**DOKUMENTAZZJONI U ĊERTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI TAL-INBID**

Dokumenti ta' ċertifikazzjoni u rapport ta' analiżi

1. Kull Parti għandha tawtorizza l-importazzjoni tal-prodotti tal-inbid fit-territorju tagħha f'konformità mar-regoli li jirregolaw id-dokumenti ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni u r-rapporti ta' analiżi kif previst skont it-termini ta' dan l-Anness.
2. Ir-rekwiżiti għall-importazzjoni tal-prodotti tal-inbid fit-territorju ta' Parti għandhom jiġu ssodisfati bil-preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi ta':
  - (a) ċertifikat maħruġ minn awtorità uffiċjali rikonoxxuta reċiprokament tal-pajjiż tal-oriġini; u
  - (b) jekk il-prodott tal-inbid huwa maħsub għall-konsum uman dirett, rapport ta' analiżi mfassal minn laboratorju rikonoxxut b'mod uffiċjali mill-pajjiż tal-oriġini li għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
    - (i) il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum;
    - (ii) l-aċidità totali, espressa bħala aċidu tartariku;
    - (iii) l-aċidità volatili, espressa bħala aċidu aċetiku; u
    - (iv) id-diossidu tal-kubrit totali.



3. Is-Sottokumitat dwar il-kummerċ fil-prodotti tal-inbid u spirti jista' jadotta deċiżjoni biex jiddetermina d-dettalji tar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Appendiċi, b'mod partikolari l-formoli li għandhom jintużaw u d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-rapport ta' analiżi.
4. Il-metodi ta' analiżi rikonoxxuti bħala metodi ta' referenza u ppubblikati mill-OIV, jew jekk metodu xieraq ma jiġix rikonoxxut u ppubblikat mill-OIV, għandu jipprevali metodu ta' analiżi li jikkonforma mal-istandards rakkomandati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni bħala metodi ta' referenza biex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni analitika tal-prodott tal-inbid fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-kontroll.
5. L-importazzjoni tal-prodotti tal-inbid li joriġinaw fit-territorju tal-Parti l-oħra ma għandhiex tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni aktar restrittivi minn dawk previsti fl-Anness 2-D.

---